**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Kump: 54/00</u>***

***Pulizija***
***Spettur Noel Cutajar/Spettur Carmelo Magri***
***vs***
***Mark Micallef***

Illum 22 ta' Novembru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq ir-reati ta' **Serq Aggravat bil-Mezz Valur u Hin** kif ukoll ir-reat ta' **Ricettazzjoni** fil-lejl ta' bejn it-tlieta u s-sitta ta' Ottubru 1997.

Illi l-imputat ammetta l-akkuza ta' serq dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

Illi in vista ta' l-ezistenza tar-reat ta' serq it-tieni akkuza bazata fuq ir-reat ta' ricettazzjoni ma tistax tikkonfigura.

In propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt li fi zmien il-kommissjoni tar-reat l-imputat kien ghadu minorenni u l-fatt li parti mir-refurtiva giet irkuprata joperaw kummulittivament sabiex f'dan il-kaz jirrendi opportun li l-Qorti tpoggi lill-imputat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghall-perijodu adegwat.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-reat ir-regolament 261(b,c u f) 263, 267 u 270 kap 9;  izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat taht ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Mary Grace Vella ghal zmien tlett snin*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-konidzzjonijiet kollha indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma' dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess a tenur ta' l-Art. 5 tal-Kapitlu 152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat ta' l-imsemmi provvediment.

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***